**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 24 ta' Novembru 2022**

Rikors Numru: 245/22 AL

A B

vs

C D

(MR Numru 1853/2009)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet ingħaqdu fiż-żwieġ nhar l-għaxra ta' Ottubru tas-sena elfejn u disgħa (10/10/2009) fil-Knisja tal-Mirakli, Hal Lija, Malta, kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "Dokument A";

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet ma kellhomx ulied;

3. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat is-sbatax ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (17/05/2017) fl-atti tan-Nutar Dottor Maria Micallef, kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bħala "Dokument B";

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u llum il- ġurnata ż-żewġ partijiet għandhom ħajja totalment separata u indipendenti minn xulxin;

5. Illi ma hemm l-ebda pendenzi rigward ħlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-oħra stante illi l-partijiet irrinunzjaw definittivament għall-manteniment mingħand xulxin, u dan hekk kif jirriżulta ċar minn klawsola numru erbgħa (4) tal-fuq imsemmi kuntratt tas-separazzjoni;

6. Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruħhom u jissodisfaw il-kondizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kodici Čivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex il partijiet jiksbu d-divorzju;

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju ossia l-ħall taż-żwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimat Adrian Mallia;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi stabbilit minn dina l-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet, biex isiru d-debita reġistrazzjoni u annotamenti fl-atti ċivili relattivi fir-Reġistru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A (4) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tar-rikorrenti;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat li permezz taghha espona:

1. Illi huwa veru li l-partijiet kienu sseparaw l-fuq mnn erba' snin skont il-kunratt hawn anness.

2. Illi huwa minnu li ma hemmx manteniment dovuta ghax ma kienx hemm tfal.

3. Illi l-esponenti ma ghandux oggezzjoni li jkun hemm id-divorzju.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Gunju 2022;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Mejju 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.